MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 564/2004

Kawza fil-lista: 10

**Joyce Camilleri**
**Vs**
**Philip Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici ppremettiet:

Billi l-kontendenti huma separati minn xulxin bis-sahha ta' kuntratt tat-28 ta' Gunju 2001 fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa'.

Billi l-istess data, il-kontendenti ffirmaw ukoll skrittura privata bejniethom (Dok. "A") li biha l-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-attrici martu s-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000): in kwantu ghal elfejn lira (Lm2,000) sa

mhux aktar tard mit-28 ta’ Gunju 2002, u in kwantu ghal tlett elef lira (Lm3000) sa mhux aktar tard mit-28 ta’ Gunju 2003, minghajr imghax.

Billi l-konvenut sallum ma hallas xejn minkejja li gie mitlub bosta drabi.

Billi l-konvenut, interpellat b’ittra ufficjali tad-19 ta’ April 2004, baqa’ inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa debitur ta’ l-attrici martu fis-somma ta’ hamest elef lira (Lm5000).

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lil martu l-imsemmija somma ta’ hamest elef lira (Lm5000).

3. Tikkundannah ihallas ukoll l-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq Lm2000 mid-29 ta’ Gunju 2002, flimkien ma’ l-imghax ta’ 8% fis-sena fuq Lm3000 mid-29 ta’ Gunju 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ April 2004 u ta’ l-ittra privata tas-17 ta’ Ottubru 2003 u dik tal-5 ta’ Novembru 2003, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet lill-attrici bil-gurament;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------